MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Rikors Numru. 36/2007/1

**Milica Micovic bhal amministratur tal-eredita' ta' Charles Sant Fournier**

**vs**

**Kenneth Ruggier**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li tar-rikorrenti li jghid hekk:

"Illi l-fond numru 53, St. John Street, Valletta jiffora parti mill-eredita' ta' Charles Sant Fournier.

Illi l-imsemmi fond huwa mikri lill-intimat versu l-kera annwali ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) pagabbli kull sena bil-quddiem.

Illi l-intimat ilu ma jhallas kera ghal diversi snin, precisament mill-iskadenza tat-18 ta' April, 2003, u dan

minkejja li gie debitament interpellat diversi drabi, anke permezz ta’ ittra ufficjali tat-3 ta’ Mejju, 2006, notifikata lilu fid-9 ta’ Mejju, 2006.

Illi ghalhekk jissussistu ragunijiet validi ghar-ripresa tal-fond lokat lill-intimat.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti titlob umilment l-awtorizzazzjoni ta’ dan l-Onorabbli Bord sabiex fl-iskadenza li tmiss jew data ohra skond il-kaz hija ma ggeddidx il-lokazzjoni tal-fond numru 53, St. John Street, Valletta  a favur tal-intimat u konsegwentement tordna li l-istess intimat jivvaka l-fond u jirritornah fil-pussess battal lill-esponenti, fi zmien qasir u perentorju li dan il-Bord joghgbu jiffissa bl-ispejjes kontra l-intimat.”

Ra illi l-intimat minkejja li debitament notifikat b’dan ir-rikors naqas illi jintavola risposta;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi minkejja li l-intimat naqas li jirregistra risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti, il-Bord semgha l-provi tar-rikorrenti bil-gurament.  Dawn il-provi kienu jikkonsistu fix-xhieda ta’ Milica Micovic li ikkonfermat il-kontenut tar-rikors.  Oltre dan ikkonfermat illi l-intimat ghandu jaghti hames snin kera  u li minkejja li interpellatu biex ihallas skond id-diversi ittri (kopji esebiti) dan baqa’ inadempjenti;

Illi ghalhekk t-talba tar-rikorrenti timmerita li tkun milqugha u ghal dawn il-mottivi il-Bord jilqa’ t-talba  u jawtorizza lir-rikorrenti sabiex ma ggeddidx il-lokazzjoni tal-fond numru 53, St. John Street, Valletta  a favur tal-intimat u konsegwentement tordna li l-istess intimat jivvaka l-fond u jirritornah bil-pussess battal lir-rikorrnenti fi zmien  xahar mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------